Raħal Ġdid	Korrezzjoni ta' LRA 1968/2011. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 3969/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta u l-inklużjoni tal-kliem dwar drittijiet ta' kumpens mogħtija lil Monasteru ta' Santa Katerina; *Correction of LRA 1968/2011.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3969/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan and the inclusion of the wording regarding compensation rights due to the Monastero Santa Caterina;*	Monasteru ta' Santa Katerina *Monastery of St Catherine*		3969/11
Raħal Ġdid	L-oqbra Nri 12, 13, 24 u 25 li jinsab taħt il-Kappella ta' l-Addolorata, u l-oqbra Nri 3, 4, 5, 6, 7, 8, 12, 13, 14, 15, 16 u 17, Diviżjoni Lvant, Sezzjoni G, Kompartiment B, fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata; *Graves Nos 12, 13, 24 and 25 situated underneath the Addolorata Chapel, and graves Nos 3, 4, 5, 6, 7, 8, 12, 13, 14, 15, 16 and 17, Division East, Section G, Compartment B, at Addolorata Cemetery;*	Provinċja Maltija ta' l-Ordni tal-Franġiskani Minuri Kunventwali *Maltese Province of the Order of the Franciscan Minor Conventuals*		3990, 3991, 3992 u 4123 ta' l-2011
San Ġiljan	L-utile dominju temporanju tal-'parking space' Nru 3517, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet aċċessibbli minn Vjal Portomaso, 'Portomaso Development', Spinola; *The temporary utile dominium of parking space No 3517, forming part of a garage complex accessible from Vjal Portomaso, 'Portomaso Development', at Spinola;*	JG Holdings Ltd	C9538	3660/11
San Ġiljan	L-utile dominju temporanju tal-'parking space' Nru 2503, formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet aċċessibbli minn Vjal Portomaso, 'Portomaso Development', Spinola;	Hannah Smith	115778M	3663/11

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Ġiljan	*The temporary utile dominium of parking space No 2503, forming part of a garage complex accessible from Vjal Portomaso, 'Portomaso Development', at Spinola;*			
San Ġiljan	Korrezzjoni tat-titolu 52000413 (LRA 3275/2008). B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 3833/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata;	Il-Gvern ta' Malta		3833/11
San Ġiljan	*Correction of title 52000413 (LRA 3275/2008).* *I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 3833/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
San Ġiljan	Korrezzjoni ta' LRA 2814/2001. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 3905/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata;	Il-Gvern ta' Malta		3905/11
San Ġiljan	*Correction of LRA 2814/2001.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3905/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
San Ġiljan	Biċċa art tal-kejl ta' 1,350 m.k., fi Triq Elija Zammit;	Il-Gvern ta' Malta		4061/11
San Ġiljan	*A portion of land covering an area of 1,350 s.m., in Triq Elija Zammit;*	*The Government of Malta*		
San Ġwann	Korrezzjoni ta' LRA 2147/2001 kif korretta bl-LRA 3544/2004. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 3988/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata;	Il-Gvern ta' Malta		3988/11
San Ġwann	*Correction of LRA 2147/2001 as corrected by LRA 3544/2004.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3988/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
San Pawl il-Baħar	Id-direttt dominju perpetwu ta' l-appartament Nru 7, formanti parti minn 'Hacienda Court', fi Triq il-Ġifen;	Il-Gvern ta' Malta		3694/11
San Pawl il-Baħar	*The perpetual direct dominium of apartment No 7, forming part of 'Hacienda Court', in Triq il-Ġifen;*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Pawl il-Baħar *San Pawl il-Baħar*	Il-maisonette Nru 4 u ½ indiviż tal-maisonette Nru 1, formanti parti mill-blokk jismu 'The Maze' f' Dawret in-Nawfraġju; *Maisonette No 4 and ½ undivided share of maisonette No 1, forming part of a block named 'The Maze' at Dawret in-Nawfraġju;*	Christopher Micallef et	296278M	3758 u 3759 ta' l-2011
San Pawl il-Baħar *San Pawl il-Baħar*	Id-direttt dominju perpetwu tal-fond jismu 'La Fiorentina' fi Triq it-Turisti; *The perpetual direct dominium of the tenement named 'La Fiorentina' in Triq it-Turisti;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		3812/11
San Pawl il-Baħar *San Pawl il-Baħar*	Porzjoni mill-art Iċ-Ċaqi sive Il-Ħmieri, f' Għajn Riħana, tal-kejl ta' 2,181 m.k.; *A portion of the land Iċ-Ċaqi sive Il-Ħmieri, at Għajn Riħana, covering an area of 2,181 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		3851/11
San Pawl il-Baħar *San Pawl il-Baħar*	Korrezzjoni ta' LRA 972/2010. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 3968/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni ta' titolu minn wieħed assolut għal wieħed ta' subutile dominju perpetwtu; *Correction of LRA 972/2010.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3968/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of title from one of whole ownership to one of perpetual subutile dominium;*	Ordni tal-Franġiskani Kunventwali (OFM Conv) *Order of the Franciscan Conventuals (OFM Conv)*		3968/11
San Pawl il-Baħar *San Pawl il-Baħar*	L-utile dominju perpetwu ta' l-appartament Nru 6, formanti parti minn 'Heston Court' fi Triq l-Imħar; *The perpetual utile dominium of apartment No 6, forming part of 'Heston Court' in Triq l-Imħar;*	George Saliba u martu Anna Maria	615054M 387253M	4012/11
San Pawl il-Baħar *San Pawl il-Baħar*	Id-direttt dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' biċċa art tal-kejl ta' 51 m.k.; *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of a plot of land covering an area of 51 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		4062/11
Santa Luċija *Santa Luċija*	Biċċa art tal-kejl ta' 18 m.k.; *A plot of land covering an area of 18 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		3826/11
Santa Luċija *Santa Luċija*	Biċċa art tal-kejl ta' 7,319 m.k.; *A plot of land covering an area of 7,319 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		4059/11
Siġġiewi	Korrezzjoni tat-titolu 50001265 (LRA 1810/2002). B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 3656/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata;	Il-Gvern ta' Malta		3656/11

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Siġġiewi	*Correction of title 50001265 (LRA 1810/2002).* *I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 3656/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Siġġiewi	L-utile dominju perpetwu tal-fond Nru 82 jismu 'Speranza', fi Triq il-Knisja l-Qadima, kantuniera mal-bieb Nru 4 jismu 'Costantino' fi Triq ir-Rebbiegħa;	Vincent Bugeja	1432M	3691/11
Siġġiewi	*The perpetual utile dominium of tenement No 82 named 'Speranza', in Triq il-Knisja l-Qadima, corner with door No 4 named 'Costantino' in Triq ir-Rebbiegħa;*			
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 1824/1995 kif korretta bl-LRA 710/2000; u LRA 1825/1995. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 3692/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata;	Parroċċa tas-Siġġiewi		3692/11
Siġġiewi	*Correction of LRA 1824/1995 as corrected by LRA 710/2000; and LRA 1825/1995.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3692/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan;*	*Parish of Siġġiewi*		
Siġġiewi	3/4 indiviżi mill-għalqa Ta' Bur ix-Xewk sive Ta'Wied Xkora, tal-kejl ta' 4 m.k.;	Jimmy Vassallo	267079M	3776/11
Siġġiewi	*¾ undivided share of the field Ta' Bur ix-Xewk sive Ta' Wied Xkora, covering an area of 4 s.m.;*			
Siġġiewi	Porzjoni mill-art Ta' San Lawrenz sive Tal-Ħorra, f' Tal-Għolja, tal-kejl ta' 3,489 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3817/11
Siġġiewi	*A portion of the land Ta' San Lawrenz sive Tal-Ħorra, at Tal-Għolja, covering an area of 3,489 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Siġġiewi	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond Nru 18 jismu 'Il-Girna' fi Triq is-Swieqi;	Il-Gvern ta' Malta		3850/11
Siġġiewi	*The perpetual direct dominium of tenement No 18 named 'Il-Girna' in Triq is-Swieqi;*	*The Government of Malta*		
Siġġiewi	Blokk bini mibni fuq Plot 5 u Plot 6 fi Triq l-Anġli;	Emmanuel Vella	111456M	3864/11

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Siġġiewi	*A block of building built on Plots 5 and 6, in Triq l-Anġli;*			
Siġġiewi	½ indiviż ta' barriera tal-kejl ta' 4,484 m.k., formanti parti mill-art Ta' Wied Musa, kontrada Tal-Ibraġġ, aċċessibbli minn Triq Wied Ħanżir;	AM Developments Ltd	C18510	3898/11
Siġġiewi	*½ undivided share of a quarry covering an area of 4,484 s.m., forming part of the land Ta' Wied Musa, disctict of Tal-Ibraġġ, accessible from Triq Wied Ħanżir;*			
Siġġiewi	1/12 –il parti ndiviża ta' porzjoni diviża mill-għalqa Tal-Lewża, tal-kejl ta' 5,543 m.k.;	M'Dolores Pace et	702050M	3956/11
Siġġiewi	*1/12 undivided share of a divided portion of the field Tal-Lewża, covering an area of 5,543 s.m.;*			
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 1620/2010. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Mary Grech Pace applikazzjoni LRA 4076/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija permezz ta' kuntratt korrettorju pubblikat mill-istess Nutar Grech Pace fit-2 ta' Novembru 2011;	Joseph Bonello	491553M	4076/11
Siġġiewi	*Correction of LRA 1620/2010.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Mary Grech Pace application LRA 4076/2011, a correction of the above mentioned application as per deed of correction published by the said Notary Grech Pace on the 2nd November 2011;*			
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 1620/2010. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Mary Grech Pace applikazzjoni LRA 4077/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija permezz ta' kuntratt korrettorju pubblikat mill-istess Nutar Grech Pace fit-2 ta' Novembru 2011;	Phyllis Muscat	348959M	4077/11
Siġġiewi	*Correction of LRA 1620/2010.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Mary Grech Pace application LRA 4077/2011, a correction of the above mentioned application as per deed of correction published by the said Notary Grech Pace on the 2nd November 2011;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 1622/2010. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Mary Grech Pace applikazzjoni LRA 4078/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija permezz ta' kuntratt korrettorju pubblikat mill-istess Nutar Grech Pace fit-2 ta' Novembru 2011;	Carmel Bonello	487060M	4078/11
Siġġiewi	*Correction of LRA 1622/2010.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Mary Grech Pace application LRA 4078/2011, a correction of the above mentioned application as per deed of correction published by the said Notary Grech Pace on the 2nd November 2011;*			
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 1623/2010. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Mary Grech Pace applikazzjoni LRA 4079/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija permezz ta' kuntratt korrettorju pubblikat mill-istess Nutar Grech Pace fit-2 ta' Novembru 2011;	Miriam Farrugia	81163M	4079/11
Siġġiewi	*Correction of LRA 1623/2010.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Mary Grech Pace application LRA 4079/2011, a correction of the above mentioned application as per deed of correction published by the said Notary Grech Pace on the 2nd November 2011;*			
Siġġiewi	Korrezzjoni ta' LRA 1624/2010. B' dan qed navża li rċevejt mingħand in-Nutar Mary Grech Pace applikazzjoni LRA 4080/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija permezz ta' kuntratt korrettorju pubblikat mill-istess Nutar Grech Pace fit-2 ta' Novembru 2011;	Victor Bonello	526364M	4080/11
Siġġiewi	*Correction of LRA 1624/2010.* *I am hereby giving notice that I have received from Notary Mary Grech Pace application LRA 4080/2011, a correction of the above mentioned application as per deed of correction published by the said Notary Grech Pace on the 2nd November 2011;*			
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 20 fi Triq San Nikola;	Il-Gvern ta' Malta		3696/11

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership therafter of tenement No 20 in Triq San Nikola;*	*The Government of Malta*		
Tas-Sliema	L-utile dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' l-appartament Nru 2, formanti parti mill-Blokk Nru 11 jismu 'Alfger Court', inkluż is-sehem tiegħu mill-partijiet komuni, ix-Xatt ta' Qui-si-Sana;	Olaf Gollcher u martu Alfreda	149032M 197438M	4035/11
Tas-Sliema	*The temporary utile dominium and the full ownership thereafter of apartment No 2, forming part of Block No 11 named 'Alfger Court', including its share of the common parts, at Xatt ta' Qui-si-Sana;*			
Tas-Sliema	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' tal-fond Nru 23A fi Triq San Alfonsu;	Il-Gvern ta' Malta		4043/11
Tas-Sliema	*The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of tenement No 23A in Triq San Alfonsu;*	*The Government of Malta*		
Valletta	Biċċa art tal-kejl ta' 6,309 m.k., fi Triq ir-Reġina u Triq it-Torri;	Il-Gvern ta' Malta		3743/11
Valletta	*A plot of land covering an area of 6,309 s.m., in Triq ir-Reġina and Triq it-Torri;*	*The Government of Malta*		
Valletta	Deċima parti ndiviża tal-fond Nru 135 fi Triq l-Arċisqof;	Maltapost p.l.c.	C22796	3797/11
Valletta	*One tenth undivided share of tenement No 135 in Triq l-Arċisqof;*			
Valletta	Il-fond Nru 115 fi Triq ir-Repubblika;	Mark Casha u Andrea Pullicino	221976M 181179M	4007/11
Valletta	*Tenement No 115 in Triq ir-Repubblika;*			
Valletta	L-appartament Nru 8, inkluż 1/14 –il parti ndiviża ta' sehmu mill-bejt u partijiet komuni, formanti parti mill-fond Nru 178 fi Triq San Kristofru;	Anna Maria Voigt		4086/11
Valletta	*Apartment No 8, including 1/14 undivided shares of the roof and common parts, forming part of tenement No 178 in Triq San Kristofru;*			
Wied il-Għajn	Biċċa art tal-kejl ta' 358 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3708/11
Wied il-Għajn	*A plot of land covering an area of 358 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Wied il-Għajn	Korrezzjoni tat-titolu 35000194 (LRA 2104/2006). B' dan qed navża li rċevejt mingħand id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' applikazzjoni LRA 4058/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata;	Il-Gvern ta' Malta		4058/11

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Wied il-Għajn	*Correction of title No 35000194 (LRA 2104/2006).* *I am hereby giving notice that I have received from the Estate Management Department application LRA 4058/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Xgħajra	Biċċa art tal-kejl ta' 2,882 m.k.; u biċċa art tal-kejl ta' 2,134 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		3711/11
Xgħajra	*A plot of land covering an area of 2,882 s.m.; and a plot of land covering an area of 2,134 s.m.;*	*The Government of Malta*		
Żejtun	Kera ta' Għarfien u l-proprjeta' assoluta tal-fond bin-Nri 9 u 10 fi Sqaq il-Bjar;	Il-Gvern ta' Malta		4003/11
Żejtun	*Recognition Rent and full ownership of a tenement at Nos 9 and 10 in Sqaq il-Bjar;*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	Korrezzjoni ta' LRA 2036/2010. B' dan qed navża li rċevejt mingħand l-Uffiċju Konġunt applikazzjoni LRA 3811/2011, korrezzjoni ta' l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija rigward is-sostituzzjoni tal-pjanta relatata;	Il-Gvern ta' Malta		3811/11
Żurrieq	*Correction of LRA 2036/2010.* *I am hereby giving notice that I have received from the Joint Office application LRA 3811/2011, a correction of the above mentioned application as regards the substitution of the relevant site plan;*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	Id-dirett dominju perpetwu tal-fond jismu 'Benson' fi Triq l-Imdawwra;	Il-Gvern ta' Malta		3815/11
Żurrieq	*The perpetual direct dominium of the tenement named 'Benson' in Triq l-Imdawwra;*	*The Government of Malta*		
Żurrieq	½ indiviż tad-dar Nru 13 jisimha 'Żernieq', fi Triq Karmnu Zammit;	Emanuel u Martin, aħwa Camilleri	31158M 682762M	3896/11
Żurrieq	*½ undivided share of house No 13 named 'Żernieq', in Triq Karmnu Zammit;*	*Emanuel and Martin, brothers Camilleri*		
Żurrieq	L-għalqa Ta' Ħabel Ħamri, tal-kejl ta' 4,300 m.k., kontrada ta' Ħal-Lew;	Catherine Sciberras et	214954M	4089 u 4090 ta' l-2011
Żurrieq	*The field Ta' Ħabel Ħamri, covering an area of 4,300 s.m., district of Ħal-Lew;*			

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-Xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott. Keith F German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

Il-25 ta' Novembru, 2011

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Keith F German, LL.D.
Land Registrar

25th November, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 103 tal-2011

Ħidmiet minn Għaddasa u Installazzjoni ta' Rmiġġi għall-Pontuni Temporanji fid-Daħla tal-Kalkara

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'żieda mal-Avviż lill-Baħħara Nru. 31 tal-2011 tat-Transport Malta, se jsiru ħidmiet minn għaddasa u xogħlijiet rigward l-installazzjoni ta' pontuni temporanji b'seħħ immedjat f'Daħlet il-Kalkara

Iż-żona hija murija fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1) u hija magħluqa b'linja immaġinarja li tgħaqqad il-pożizzonijiet A, B, C, D u x-xatt bejniethom.

Pożizzjonijiet	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	35° 53'.506	14° 31'.416
B	35° 53'.452	14° 31'.338
C	35° 53'.377	14° 31'.417
D	35° 53'.421	14° 31'.481

Ix-xogħlijiet jinkludu t-tqegħid ta' rmiġġi u rkaptu tal-art relatati mal-irmiġġ ta' pontuni fil-futur qarib. Braken u għaddasa se jkunu involuti biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Se tittajjar l-International Code Flag A meta tkun qed issir ħidma mill-għaddasa.

Minħabba dan ta' hawn fuq min ibaħħar fid-Daħla tal-Kalkara għandu jbaħħar b'kawtela kbira u bilmod u f'kull ħin għandu joqgħod attent u jżomm 'il bogħod miż-żona indikata.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet kollha li jingħataw mill-Valletta VTS (Valletta Port Control) u s-*support craft* mill-inħawi.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum

Charts affettwati: BA 177

Il-25 ta' Novembru, 2011

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 103 of 2011

Diving Operations and Installation of Moorings for Temporary Pontoons at Kalkara Creek

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that further to Notice to Mariners No. 31 of 2011 of Transport Malta, diving operations and works relating to the installation of temporary pontoons will restart with immediate effect in Kalkara Creek.

The area as indicated on the chart which can be seen on the Transport Malta's website: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1) is bounded by an imaginary line connecting the positions A, B, C, D and the intermediate coastline.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.506	14° 31'.416
B	35° 53'.452	14° 31'.338
C	35° 53'.377	14° 31'.417
D	35° 53'.421	14° 31'.481

The works shall include the placing of moorings and ground tackle related to mooring pontoons in the near future. Barges and divers shall be used to carry out these works. The International Code Flag A shall be displayed when diving activities are being carried out.

In view of the above navigation within Kalkara Creek is to be carried out with extreme caution and slow speed. A sharp lookout is to be maintained at all times. A wide berth is to be given to the above indicated area.

Mariners are to abide by any instructions given by Valletta VTS (Valletta Port Control) and support craft in the area.

Positions referred to WGS 84 Datum

Charts affected: BA 177

25th November, 2011

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *EU Fund Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt għall-pożizzjoni ta' *EU Fund Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,833 tat-18 ta' Novembru, 2011 li qed terġa tiġi ppubblikata

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of EU Fund Officer in the Malta Public Service

The undermentioned call for applications for the position of EU Fund Officer in the Malta Public Service published in Government Gazette No. 18,833 of the 18th November, 2011 is being re-issued with some modifications. Persons

b'xi tibdil. Persuni li diġà applikaw għas-sejħa oriġinali (Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,833 tat-18 ta' Novembru, 2011), m'għandhomx bżonn jerġgħu japplikaw mill-ġdid.

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *EU Fund Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *EU Fund Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, li jista' jiġġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *EU Fund Officer* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

2.2 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament7(4) (c) tal-Avviż Legali 51/2007 kif sostitwit b'Regolament 3(b)(4) tal-Avviż Legali 239/2008.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hi żżomm il-grad sustantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sustantiv/*indefinite status* tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna magħżula li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha fis-Servizz Pubbliku ta' Malta kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-*assignment*.

2.4 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-*assignment* tiġi maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 9, hi tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *EU Fund Officer* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla'għal aktar mill-massimu ta' Skala 9 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *EU Fund Officer* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (€19,678 fl-2012).

3.2 Jekk persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/*Gratuity* tagħha tinħadem fuq il-grad sustantiv u skala ta' salarju tagħha.

who have already applied in terms of the original call (Government Gazette No. 18,833 of the 18th November, 2011) need not resubmit their application.

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the position of EU Fund Officer in the Malta Public Service.

2.1 The selected candidate will enter into a thirty six (36) month assignment as EU Fund Officer in the Malta Public Service, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as EU Fund Officer during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2. Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) (c) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4) of Legal Notice 239/2008.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment period and will return to his/her substantive grade/indefinite status on termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/ indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Malta Public Service as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.4 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/ indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 9, he/she will be expected to relinquish the duties of EU Fund Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 The position of EU Fund Officer in the Malta Public Service carries a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 9 (€19,678 in 2012).

3.2 If a selected candidate is a public officer pensionable under the Pensions Ordinance (Cap. 93), his/her Treasury Pension/Gratuity shall be calculated on his/her substantive grade and salary scale.

4.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' *EU Fund Officer* tista' tiġi assenjata lil xi *line Ministry* jew wieħed mill-*horizontal stakeholders*, inklużi l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti OPM *(EU Funds)*; il-Planning and Priorities Coordination Division (PPCD) u *Funds and Programmes Division* - it-tnejn fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru; il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment (EU Certifying Authority, id-Dipartiment tat-Teżor, id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-*Budget Office*) u d-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, u kif ukoll il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, inkluża il-*Paying Agency.*

4.2. Id-dmirijiet speċifici tal-*EU Fund Officer* ikunu delineati fl-*agreement* skont fejn tiġi assenjata l-persuna nominata. Ir-rwoli ta' *line Ministry* u tal-*horizontal stakeholders* huma stabbiliti fil-manwali ta' proċeduri.

4.3. Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *EU Fund Officer* jinkludu li:

(a) Tipprovdi għajnuna lill-EU *Fund/Projects/Senior Manager* fil-ko-ordinazzjoni, *monitoring* u kontroll fuq proġetti ko-finanzjati mill-Fond/i jew Programm rilevanti tal-UE;

(b) Tagħmel *spot-checks* personali ta' kontroll fuq il-proġetti kemm permezz tal-iċċekkjar ta' dokumentazzjoni kif ukoll permezz ta' kontrolli fiżiċi;

(c) Tikkollabora kontinwament mal-*istakeholders* rilevanti (li jinkludu Sħab u Organizzazzjonijiet mhux Governattivi) skont l-istruzzjonijiet tal-*EU Fund/Projects/ Senior Manager* jew ta' uffiċjali oħra superjuri;

(d) Tagħmel xogħol relatat mal-ġbir ta' data u xogħol ieħor ta' riċerka;

(e) Tagħmel xogħol relatat mal-manwali ta' proċeduri għall-Fondi tal-UE li persuna fil-pożizzjoni ta' *EU Fund Officer* tista' tkun assenjata biex tittratta, li jinkludi produzzjoni ta' *templates* u struzzjonijiet;

(f) Tassisti fl-immaniġġjar u koordinazzjoni ta' Fondi oħra u/jew *Community Programmes/Initiatives* kif ukoll *bilateral funding instruments;*

(g) Torganizza u tipparteċipa f'laqgħat u tieħu l-minuti tad-diskussjonijiet;

(h) Tagħmel xogħol ieħor ta' rappurtaġġ;

(i) Tagħti sostenn lill-promoturi ta' proġetti fuq il-*Management Information System* (*database* elettronika) rilevanti;

(j) Tikkollabora ma' *Stakeholders* oħra rilevanti li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-Programm/i/Fond;

(k) Tipparteċipa f'konferenzi u taħriġ f'Malta u barra minn Malta (Persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel korsijiet, tintrabat bil-kundizzjonijiet rilevanti skont il-*Public Service Management Code*);

(l) Tagħmel xogħol ieħor anċillari li jista' jingħatalha mill-Kap tad-dipartiment/ tal-organizzazzjoni u mis-Segretarju Permanenti tagħha jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

(m) Twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.1 The EU Fund Officer may be assigned to any of the line Ministries or one of the horizontal stakeholders, including the Office of the Permanent Secretary OPM (EU Funds); the Planning and Priorities Co-Ordination Division (PPCD) and the Funds and Programmes Division-both within the Office of the Prime Minister; the Ministry of Finance, the Economy and Investment (EU Certifying Authority, the Treasury Department, the Department of Contracts and the Budget Office) and the Internal Audit and Investigations Department as well as the Ministry for Resources and Rural Affairs, including the Paying Agency.

4.2 The specific duties of the EU Fund Officer will be outlined in the specific agreement, depending on where the officer is assigned. The roles of the line Ministries and of the horizontal stakeholders are established in the manuals of procedures.

4.3. The duties of EU Fund Officer include:

(a) Providing support to the EU Fund/Projects/Senior Manager in the co-ordination, monitoring and control of projects co-financed by the relevant EU Fund/s and/or Programme;

(b) Carrying out documentary and physical on-the spot controls of projects;

(c) Liaising with relevant stakeholders (including Partners and NGOs) as instructed by the EU Fund/Projects/ Senior Manager or the direct supervisor;

(d) Performing duties related to the compilation of data and other research work;

(e) Carrying out work in relation to the manuals of procedures of the EU Funds the officer may be assigned to deal with, including the production of templates and instructions;

(f) Assisting in management and co-ordination of other Funds and/or Comunity Programmes/Initiatives as well as bilateral funding instruments;

(g) Organising and participating in meetings and taking minutes of discussions;

(h) Carrying out reporting functions;

(i) Giving support to the project promoters on the relevant Management Information System (electronic database);

(j) Liaising with other relevant Stakeholders involved in the implementation of the Programme/s / Fund;

(k) Participating in training and conferences locally and abroad (A selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code);

(l) Carrying out any other ancillary duties as assigned by the Head of department/ organisation and the Permanent Secretary or his/her representative;

(m) Carrying out any other duties according to exigencies of the public service as directed by the Principal Permanent Secretary

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(c) ikollhom, jew ikunu ġew approvati biex jingħataw, *degree* rikonoxxuta u rilevanti jew ogħla, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli u rilevanti, f'Livell 6 tal-MQF jew ogħla;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra is-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession, or have been approved for the award, of a relevant recognised Degree or higher, or a recognised relevant comparable qualification, at MQF level 6 or higher;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority

jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti, li apparti li jissodisfaw ir-rekwiżiti f'paragrafu 5.1, ikunu jafu lingwi uffiċjali oħra tal-UE.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà), (Kap. 413) anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Public Administration HR Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttorat tar-*Resourcing* u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-

not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates who, in addition to satisfying the requirements in paragraph 5.1, possess knowledge of other EU official languages.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Resourcing Directorate and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. A copy of such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for

dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżentati milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq

8.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Ir-riżultat ikun validu għal sentejn.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, ikkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn ikun hemm il-pożizzjoni battala. Il-petizzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni u l-Kap tad-Direttorat fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer spiss fuq xogħol skont il-bżonn.

10. Persuna magħżula tkun mistennija taħdem ġimgħa t'erbgħin siegħa, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jeħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

11. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal din il-pożizzjoni.

12. Uħud mill-pożizzjonijiet jistgħu jkunu ko-finanzjati minn programmi fejn l-*EU Fund Officer* ikun/tkun assenjat/a.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

2. 45, Flat 2, Triq id-Dugħ, Marsaskala.
3. 'Windward Court' Flat 2, Triq Hurd's Bank, Marsaskala.

Registry of the Superior Courts, today 21st November 2011.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1946

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-17 ta' Novembru 2011, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet G. G. D. Properties Limited vs J D Lifts Supplies Limited (C 12029) Rikors Ġuramentat numru 765/2011 JRM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet G.G. D. Properties Limited vs JD Lifts Supplies Limited (C 12029) fit-8 ta' Awwissu 2011, is-soċjetà rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata ġja' kisret il-kuntratt t' appalt li hemm bejn il-kontendenti fil-kawża odjerna u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż ...omissis... rappreżentanti, diretturi, uffiċjali u impjegati tas-soċjetà intimata minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Soċjetà rikorrenti: 55, Potters Street, Birkirkara.
Soċjetà intimata: 'Maria Garage' Plot 1, College Str, Mosta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet G.G.D. Properties Limited vs JD Lifts Supplies Limited (C 12029) jinsab differit għas-smigħ għas-7 ta' Diċembru 2011, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Novembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 17th November 2011, in the records of the Sworn Application, in the names G. G. D. Properties Limited vs JD Lifts Supples Limited (C 12029) Sworn Application number 756/2011 JRM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names G.G. D. Properties Limited vs JD Lifts Supplies Limited (C 12029) on the 8th August 2011, the applicant company asked this Honourable Court;

1. To declare that the respondent company, has violated the contract of works there is between the parties in the present cause and this without any valid reason at law and uphold the other demands in the application.

With costs ...omissis... representatives, directors, officials and employees of the respondent company, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Applicant company: 55, Potters Street, Birkirkara.
Respondent company: 'Maria Garage' Plot 1, College Str, Mosta.

The Sworn Application in the names G.G.D. Properties Limited vs JD Lifts Supplies Limited (C 12029) has been put off for hearing to the 7th December 2011, at 12.30 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 21st November 2011.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1947

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mattocks Per Kristian noe vs Abela Marsala Maria, Rikors numru 409/2011 AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Per Kristian Mattocks (329594M) bħala prokuratur għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Charles Mattocks (783946M) kontra Maria Abela Marsala (403671M) fis-27 ta' April 2011, ir-rikorrenti Per Kristian Mattocks (329594M) bħala prokuratur ta' Charles Mattocks, talab lil din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi;

By means of a decree, given by the First Hall Civil Court, in the records of the Sworn Application in the names Mattocks Per Kristian noe vs Abela Marsala Maria, Application number 409/2011 AL, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Per Kristian Mattocks (329594M) as mandatary in the name and in representation of the absent Charles Mattocks (783946M) against Maria Abela Marsala (403671M) as mandatary of Charles Mattocks, asked this Honourable Court for the reasons premised;

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti, is-somma ta' (€38,180.00).

Bl-ispejjeż ...omissis... u bl-imgħax kif mitlub, kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: c/o 34/7, Strait Street, Valletta.
Intimata: 38, St. Martin, Triq San Albert, Gżira.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mattocks Per Kristian noe vs Abela Marsala Maria, rikors numru 409/2011 SM, jinsab differit għas-7 ta' Diċembru 2011, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Novembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1.To decide the cause without proceeding to a hearing in terms of Articles 167-170 of Cap. 12 of the Laws of Malta and condemn the respondent to pay the applicant the sum of (€38,180.00).

With costs ...omissis... and interest as demanded, against the respondent summoned so that a reference to their evidence be made.

Applicant; c/o 34/7, Strait Street, Valletta.
Respondent: 38, St. Martin, Triq San Albert, Gżira.

The Sworn Application in the names Mattocks Per Kristian noe vs Abela Marsala Maria, application number 409/2011 SM, has been put off to the 7th December 2011, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 21st November 2011.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civi Courts and Tribunals

1948

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-10 ta' Novembru 2011, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2799/2011, fl-ismijiet Paul Mizzi (K.I. 602149M) vs Jane Mizzi (K.I. 26758M), Christian Mizzi, Jonathan Mizzi, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 12 ta' Awwissu 2011.

Lil: Jane Mizzi (K.I. 26758M)
Christian Mizzi
Jonathan Mizzi

Ittra uffiċjali ta' Paul Mizzi.

Permezz tal-preżenti l-mittenti jagħmel riferenza għall-kostituzzjoni ta' debitu in datat 10.8-2010, fl-atti tan-Nutar Dr Jonathan Zammit, iffirmat bejn il-mittenti u l-intimata Jane Mizzi u l-mejjet Alfred Mizzi.

L-intimata Jane Mizzi f'isimha proprju u l-intimati Christian Mizzi u Jonathan Mizzi qua eredi tal-mejjet Alfred Mizzi interpellati jħallsu l-bilanċ ai termini tal-imsemmija kostituzzjoni ta' debitu baqgħu inadempjenti.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali għalhekk, ai termini tal-Artikoklu 256 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imsemmi att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu qed jiġi reż eżekuttiv ai fini u effetti kollha tal-liġi.

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 10 th November 2011, in the records of the judicial letter number 2799/2011, in the names Paul Mizzi (I.D. 602149M) vs Jane Mizzi (I.D. 26758M) Christian Mizzi, Jonathan Mizzi, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 12th August 2011.

To: Jane Mizzi (I.D. 26758M)
Christian Mizzi
Jonathan Mizzi

Judicial Letter of Paul Mizzi.

By the present the interpellant refers to the constitution of debt dated 10.8-2010, in the records of Notary Dr Jonathan Zammit, signed by the interpellant and the respondent Jane Mizzi and the deceased Alfred Mizzi.

The respondent Jane Mizzi, in her own name and the respondents Christian Mizzi and Jonathan Mizzi qua heirs of the deceased Alfred Mizzi are called upon to pay the balance in terms of the said constitution of debt remained in default.

Thus by the present judicial letter in terms of Article 256 et seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta, the said public deed of constitution of debt is being rendered an executive title for all intents and purposes of law.

Din l-ittra qed tintbagħat ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti.

Mittenti: Mir Court, Flat 2, Triq il-Merħba, Fgura.
Intimati: 60, Triq il-Ħut, Marsaskala.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Novembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

This letter is being sent for all intents and purposes of law.

With costs of the present.

Interpellant: Mir Court, Flat 2, Triq il-Merħba, Fgura.
Respondents: 60, Triq il-Ħut, Marsaskala.

Registry of the Superior Courts, today 22nd November 2011.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1949

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru, 2011 mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef David Scicluna, wara rikors li ġie ippreżentat fil-11 ta' Ottubru, 2011 minn Alex Saliba (Att ta'Akkuża numru 11/2000) fl-ismijiet:-

Repubblika ta' Malta

kontra

…omissis…

ALEX SALIBA, 31 sena, bin Carmelo u Maria Dolores xebba Sevasta, imwieled Pietà fl-10 ta' Marzu, 1980 u residenti f'numru 'White Lilly', Triq Villabate, Żabbar u detentur tal-karta tal-identità numru 194680(M).

…omissis…

ORDNAT IT-TĦASSIR tal-ordni tas-sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Alex Saliba liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'digriet tat-13 ta' Lulju, 1999 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta' Lulju, 1999. In oltre, qed jiġi dikjarat li l-investimenti li għandu l-imsemmi Alex Saliba mas-soċjetà Banif Bank (Malta) plc inkluż il-kont bankarju numru 4938710001, mhux effetwat mill-imsemmi sekwestru.

Dan l-avviż qed jiġi ppublikat ai termini tal-artikolu 22A(2)(b)(6) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 21 ta' Novembru, 2011.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO LLD
Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th October, 2011 given by the Criminal Court presided by Mr Justice David Scicluna, after an application filed on the 11th October, 2011 by Alex Saliba (Bill of Indictment 11/2000) in the case:-

Republic of Malta

vs

…omissis…

ALEX SALIBA, 31 years, son of Carmelo and Maria Dolores nee' Sevasta, born in Pieta' on the 10th March, 1980 and residing at 'White Lilly', Triq Villabate, Zabbar and holder of Identity card no 194680(M).

…omissis…

ORDERED THE CANCELLATION of the attachment order of all the assets of the said Alex Saliba which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry by a decree dated 13th July, 1999 and published in the Government Gazette of the 16th July, 1999. Moreover, it is being declared that the investments that Alex Saliba has with Banif Bank (Malta) plc including bank account bearing number 4938710001 are not effected by the above mentioned attachment order.

This notice is being published according to section 22A (2)(b)(6) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today, 21st November, 2011.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO LLD
Assistant Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals

1950

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-18 ta' Novembru, 2011 fuq rikors ta' Keith Azzopardi ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 9 ta' Frar, 2012 fl-10.00 a.m., għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar bla numru uffiċjali iżda bl-isem 'Cor Ġesù', fi Triq Clarence, Msida bil-garaxx anness mad-dar, konfinanti minn Nofsinhar mat-triq imsemmija, mit-Tramuntana ma' beni ta' ċertu Antonio Bajada u mill-Punent ma' beni ta' ċertu Oscar Mifsud jew aventi kawża tiegħu, stmat li jiswa €151,409.27.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil David Galea (K.I. 214603L).

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-subbasta numru 52/10.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Settembru, 2011

ALEXANDRA DEBBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 18th November, 2011 on the application of Keith Azzopardi, Thursday, 9th February, 2012 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

The house without an official number named 'Cor Ġesù', in Clarence Streeet, Msida with the garage annexed with the house, confining from the South with the mentioned street, from the North with the property of Antonio Bajada and from the West with the property of Oscar Mifsud or his successors in title, valued at €151,409.27.

The said property belongs to David Galea (I.D. 214603L).

N.B The said tenements will be sold as described in the acts of file number 52/10.

Registry of the Superior Courts, this 26th September 2011.

ALEXANDRA DEBBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1951

B'digriet Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' Ottubru 2011, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Tabone Dr Michelle noe vs Sultana Joseph, Rikors numru 355/2011 JA, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Dottor Michelle Tabone (K.I. 138371M) fil-kwalità tagħha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof bħala Amministratur tal-Beni Ekklesjastiċi Djoċesani kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza, kif ukoll l-istess Dottor Michelle Tabone (K.I. 138371M) bħala prokuratriċi għan-nom tal-Ordni Karmelitan f'Malta vs Joseph Sultana K.I. 720057M) fil-11 ta' April 2011, ir-rikorrenti Dottor Michelle Tabone (K.I. 138371M) fil-kwalità hawn fuq premessa talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi il-konvenut ikkommetta spoll għad-dannu tal-attriċi nomine meta daħal fil-fond 6, Blanche Huber Street, li kien fil-pussess tal-attriċi nomine u rtira l-oġġetti mobbli li kienu ġewwa l-istess fond u biddel is-serratura tal-bieb tal-istess fond u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

By means of a decree, given by the First Hall Civil Court, on the 21st October 2011, in the records of the Sworn Aspplication, in the names Tabone Dr Michelle noe vs Sultana Joseph, Application number 355/2011 JA, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Dr Michelle Tabone (I.D. 138371M) in her capacity as Bursar of Monsignor Archbishop as Administrator of all the Ecclesiatical Property of the Diocese of Malta, in the name and in the interest of Dar tal-Providenza, as well as the same Dr Michelle Tabone (I.D. 138371M) as procurator in the name of the Carmelitan Order in Malta vs Joseph Sultana (I.D. 720057M) on the 11th April 2011, the applicant Dottor Michelle Tabone (I.D. 138871M) in her capacity above premised asked this Honourable Court:

1. To declare and decide that the defendant committed a spoliation to the detriment of the plaintiff nomine when he entered the premises 6, Blanche Huber Street, which was in the possession of the plaintiff nomine and withdrew the movable objects which were inside the same premises and changed the lock of the same premises and uphold the other demands in the application.

Bl-ispejjeż ...omissis... u bir-riżerva tal-attriċi nomine għal kwalsijasi azzjoni spettanti lilha kontra l-konvenut skont il-liġi.

Xhieda.
Dokumenti.
Notifika: Joseph Sultana, 12, Sansiro, Flat 3, Triq Henry F. Bouverie, Gżira.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Tabone Dr Michelle noe vs Sultana Joseph, rikors numru 355/2011 JA, jinsab differit għas-smigħ għall-5 ta' Diċembru 2011, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Novembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI,LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs ...omissis... and the plaintiff nomine reserves any other action due to her against the defendant according to law.

Witnesses.
Documents.
Notify: Joseph Sultana, 12, Sansiro, Flat 3, Triq Henry F. Bouverie, Gżira.

The Sworn Application in the names Tabone Dr Michelle noe vs Sultana Joseph, application number 355/2011 JA, has been put off for hearing to the 5th December 2011 at 9.45 a.m.

Reġistry of the Superior Courts, today 22nd November 2011.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1952

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-15 ta'Lulju 2011, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Psaila Savona Katja Dr vs Pharmachemic Trading Agency Company Limited, Rikors numru 445/2011 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet L-Avukat Dottor Katja Psaila Savona (detentriċi tal-karta tal-identità numru 459571(M) fil-kwalità tagħha ta' mandatarja speċjali tal-kumpannija estera Kleva Pharmaceuticals SA kumpannija rreġistrata l-Greċja u bl-indirizz irreġistrat 189, Parnithos Avenue, 13671, Ateni, Greċja kontra Pharmachemic Trading Agency Company Limited (C 33697) fil-5 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti nomine talbet il-kumpannija konvenuta, previa kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12, tiddikjara l-kumpannija konvenuta debitriċi tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' (€156,314.55) rappreżentanti import ta' diversi fatturi, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas lill-kumpannija attriċi l-imsemmi ammont ta' (€156,314.55) u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż ...omissis... u bl-imgħax kif mitlub fir-rikors, u r-rappreżentanti, azzjonisti u diretturi tal-kumpannija inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree, given by the First Hall Civil Court, on the 15th July 2011, in the records of the Sworn Application in the names Psaila Savona Katja Dr vs Pharmachemic Trading Agency Company Limited, Application number 445/2011 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr Katja Psaila Savona (holder of identity card number 45971M) in her capacity of special mandatary of the foreign company Kleva Pharmaceuticals SA a company registered in Greece and with a registered office 189, Parnithos Avenue, 13671, Athens, Greece,against Pharmachemic Trading Trading Agency Company Limited (C 33697) on the 5th May 2011, the applicant nomine asked the defendant company, saving any necessary and opportune declaration and for the reasons premised why this Honourable Court should not;

1. Decide the cause according to the demand without proceeding to a hearing in terms of Articles 167 et sequitur of Cap. 12, declare the defendant company debtor of the plaintiff company in the sum of (€156,314.55) representing value of various invoices, and condemn the defendant company to pay the plaintiff company the said amount of (€156,314.55) and uphold the other demands in the application.

With costs ...omissis... and interest as demanded in the application and the representatives, shareholders and directors of the company summoned so that a reference to their evidence be made.

Kumpannija attriċi: L-Avukat Dottor Katja Psaila Savona noe,

4, Alley 2,
Ta' Tavlin Street,
Żejtun.

Kumpannija konvenuta: Pharmachemic Trading Agency Company Limited,

72, Gorg Borg Olivier Street,
Rabat, Malta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Psaila Savona Katja Dr vs Pharmachemic Trading Agency Company Limited, Rikors numru 445/2011 AE, jinsab differit għas-smigħ għad-9 ta' Diċembru 2011, fid-8.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Novembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Plaintiff company: Advocate Dr Katja Psaila Savona noe,

4, Alley 2,
Ta' Tavlin Street,
Zejtun.

Defendant company: Phamachemic Trading Agency Company Limited,

72, Gorg Borg Olivier Street,
Rabat, Malta.

The Sworn Application in the names Psaila Savona Katja Dr vs Pharmachemic Trading Agency Company Limited, Application number 445/2011 AE, has been put off for hearing to the 9th December 2011, at 8.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd November 2011.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1953

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Novembru, 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Claire L. Stafrace Zammit), kumpilazzjoni Numru 1295/2010 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)

Kontra

CHRISTOPHER AGIUS, 35 sena, uffiċjal tal-Pulizija, bin Emanuel u Carmen neé Cini, imwieled Pietà, fit-12 ta' Frar, 1976 u residenti f'numru 69, 'Blossom', Triq Kalċidon Gatt, Birkirkara u detentur ta' karta tal-identità numru 129476(M);

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terżi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu jmissu lil Christopher Agius jew li jkunu proprjetà tiegħu u pprojbiet lill-imsemmi akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti awtorizzat ukoll lill-imsemmi Christopher Agius, jirċievi mhux aktar minn tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena.

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 21st November, 2011, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Claire L. Stafrace Zammit) Compilation number 1295/2010 in the case:

The Police
(Inspector Yvonne Farrugia)

Versus:

CHRISTOPHER AGIUS, 35 years, Police officer, son of Emanuel and Carmen neé Cini, born in Pietà, on the 12th February, 1976 and residing at 69, 'Blossom', Triq Kalċidon Gatt, Birkirkara and holder of Identity Card number 129476(M);

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or pertaining or belonging to Christopher Agius and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property in terms of Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court authorized Christopher Agius to receive yearly the amount which does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy six Euro and twenty-four cents (€13,976.24).

Illum, 22 ta' Novembru, 2011.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO, LL.D.
Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

Today, 22nd November, 2011.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO, LL.D.
Assistant Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals

1954

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2011, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikoli 187 (3) u 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn HSBC Bank Malta plc fil-11 ta' Novembru 2011, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €174,600 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 16/10 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Aldo Muscat et, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-10 ta' Novembru 2011.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitolu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 18 ta' Novembru 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 18th October 2011, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Articles 187(3) and 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by HSBC Bank Malta plc, on the 11th November 2011, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €174,600 following the judicial sale by auction 16/10 in the names HSBC Bank Malta plc vs Aldo Muscat et, held under the Authority of the said Court on the 10th of November 2011.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today the 18th November, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1955

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2011, u dan wara Rikors b'Numru 71/2011, ordnat il-korrezzjoni tal-Att tal-Mewt ta' Mary Gatt li jġib in-numru 1557 tas-sena 2005, fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Jekk hux miżżewweġ/a jew le, armel jew armla', l-isem "Carmelo Gatt" għandu jaqra' "Henry Gatt" billi jiġi sostitwit l-isem "Carmelo" u minflok jaqra "Henry".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum, nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru, 2011.

PAUL X. SAMMUT, B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 17th of November, 2011, and this after a written plea Numbered 71/2011, ordered the correction of the Act of Death of Mary Gatt bearing number 1557 of the year 2005, in the sense that in the column entitled 'Whether married or unmarried, widower or widow', the name "Carmelo Gatt" is to read "Henry Gatt" in so much so as the name "Carmelo" is to be cancelled and written instead "Henry".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Thursday 17th of November, 2011.

PAUL X. SAMMUT, B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1956

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' Novembru 2011, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Cleanwell Services Limited (C 19323) et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs 1. Cleanwell Services Limited (C 19323) 2. Charles Lebrun (K.I. 447452(M) u 3. Anna Lebrun (K.I. 154653M) fil-5 ta' Awwissu 2011, is-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. talbet il-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura msemmija fir-rikors, tikkundanna lis-soċjetà Cleanwell Services Limited tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' (€65,075.04) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' tas-soċjetà Cleanwell Services Limited, flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-5 ta' Mejju 2001, sad-data tal-effettiv pagament, tikkundanna lil Charles Lebrun u Anna Lebrun, iħallsu flimkien u 'in solidum' bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' (€23,293.73) bilanċ minn somma akbar għad-debitu fil-'Loan Account' tas-soċjetà Cleanwell Services Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-5 ta' Mejju 2011, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti, inġunti in subizzjoni.

Soċjetà attriċi: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta.

Konvenuti: 1. Cleanwell Services Limited,
'Cleanwell Services', Triq il-Qaddiefa,
Marsa.

2. Charles Lebrun,
'Laura' Flat 3, Vjal il-Qalbiena Mostin,
Mosta.

3. Anna Lebrun,
'Dibrell' Flat 3, Triq il-Klarissi,
San Ġiljan.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Cleanwell Services Limited (C 19323) et, rikors numru 760/2011 AF, jinsab differit għat-30 ta' Novembru 2011, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, by the First Hall Civil Court, on the 4th November 2011, in the records of the Sworn Application, in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Cleanwell Services Limited (C 19323) et, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs 1. Cleanwell Services Limited (C 19323) 2. Charles Lebrun (I.D. 447452M) and 3. Anna Lebrun (I.D. 154653M) on the 5th August 2011, the applicant company Bank of Valletta p.l.c.asked the defendants to state why this Honourable Court should not:

1. Declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the contracts and writing mentioned in the application, condemn the company Cleanwell Services Limited, to pay the plaintiff company, the sum of (€65,075.04) balance of debt in the 'Loan Account' of the company Cleanwell Services Limited, together with further interests, from the 5th May 2001, till the date of the effective payment, condemn Charles Lebrun and Anna Lebrun, to pay together and 'in solidum' between them to the plaintiff company, the sum of (€23,293.73) balance of a larger sum for the debt in the 'Loan Account' of the company Cleanwell Services Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest, from the 5th May 2011, till the date of effective payment.

With costs, against the defendants, summoned so that a reference to their evidence be made.

Plaintiff company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ,
Valletta.

Defendants: 1. Cleanwell Services Limited,
'Cleanwell Services', Triq il-Qaddiefa,
Marsa.

2. Charles Lebrun,
'Laura' Flat 3, Vjal il-Qalbiena Mostin,
Mosta.

3. Anna Lebrun,
'Dibrell' Flat 3, Triq il-Klarissi,
San Ġiljan.

The Sworn Application in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Cleanwell Services Limited (C 19323) et, application number 760/2011 AF, has been put off to the 30th November 2011, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd November 2011.

ADV. FRANK PORTELLI,LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1957

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-18 ta' Ottubru 2011 fuq rikors ta' Martin Degabriele, fuq talba tal-Kummissarju ta-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 19 ta' Jannar, 2012 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-14 ta' Ottubru, 2004 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bin-numru mija u erbgħa u tletin, (134), magħruf bħala "The Orchids", fi Triq is-Sultana, Paola, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €111.81, stmat li jiswa' €222,222.22.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carmel Zahra.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Jaccarini fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Awwissu, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 18th October 2011 on the application of Martin Degabriele, by request of the Commissioner of VAT Thursday, 19th January, 2012 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 14th October, 2004 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement number 134, known as "The Orchids", Queen Street, Paola, as being subject to the annual and perpetual ground rent of €111.81, valued at €222,222.22.

The said tenement is the property of Carmel Zahra.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Jaccarini on 18th August, 2005.

Registry of the Superior Courts, this 23rd November 2011

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1958

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fit-22 ta' Novembru 2011 (Digriet numru tnejn u tmenin tas-sena elfejn u ħdax (82/2011), wara rikors numru tnejn u sittin tas-sena elfejn u ħdax (62/2011) ġiet INTERDETTA mill-atti kollha tal-ħajja ċivili GIORGIA MIZZI, armla ta' George Mizzi, bint il-mejtin Paul Cardona u Maria Anna neé Vella, imwielda Rabat, Għawdex u li tinsab rikoverata fl-Isptar Sant'Anna, Rabat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 63027(G).

L-Avukat Dr Kevin Mompalao, bin John u Margaret neé Cauchi, imwieled Victoria, Għawdex u residenti Xewkija, Ghawdex (Karta tal-Identità numru 13774G), ġie bl-istess digriet, nominat kuratur tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 22 ta' Novembru 2011

MAUREEN XUEREB
Deputat Reġistratur

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the 22nd November 2011 (Decree number eighty two of the year two thousand and eleven (82/2011), following application number sixty two of the year two thousand and eleven (62/2011) GIORGIA MIZZI, widow of George, daughter of the late Paul Cardona and Maria Anna neé Vella, born in Victoria, Gozo and residing Sant'Anna Hospital, Victoria, Gozo (Identity Card number: 63027(G) has been interdicted from all acts of civil life.

Dr Kevin Mompalao, son of John and Margaret neé Cauchi, born in Victoria, Gozo and residing in Xewkija, Gozo, (I.D. no. 13774G) has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Voluntary Jurisdiction.

This 22nd November 2011

MAUREEN XUEREB
Deputy Registrar

1959

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-17 ta' Novembru 2011, fuq rikors ta' FARRUGIA JOHN ET ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 17 ta' Jannar, 2012 fil-11.30 a.m għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bin-numru uffiċjali mija u erbgħa u tmenin (184) bl-isem 'My Nest', fi Triq Dawret it-Tunnara, limiti tal-Mellieħa, kif sovrappost għal beni ta' terzi, u konfinanti mit-Tramuntana ma' Tunnara Promenade, mil-Lvant ma' ġid ta' Carmelo Grima u mill-punent ma' ġid tal-aventi kawża ta' Carmelo Grima, jew irjieħ oħra verjuri liberu u frank u mhux soġġetti għall-piżijiet, stmat li jiswa €180,000.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Gauci Rosaria sive Lucy (K.I. 136163M).

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-subbasta numru 64/10.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 17th November, 2011 on the application of FARRUGIA JOHN ET, Tuesday, 17th January, 2012 at 11.30 a.m. has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held in the CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

Property named 'My Nest' numbered one hundred and eighty-four (184), in Dawret it-Tunnara Street, limits of Mellieha, overlying third party property, bounded on the North by Dawret it-Tunnara Street, on the East by property of the successors in title of Carmelo Grima, or any other correct boundaries, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances valued at €180,000.

The said property belongs to Gauci Rosaria sive Lucy (I.D. 136163M).

N.B The said tenements will be sold as described in the acts of file number 64/10.

Registry of the Superior Courts, this 23rd November, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1960

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-28 ta' Ottubru 2011 fuq rikors ta' Combinations Limited ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 19 ta' Jannar, 2012 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. L-erba' appartamenti li qegħdin fit-tieni u t-tielet sular bl-isem 'Diana Flats', bin-numri interni tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5) u sitta (6), stmat li jiswa €186,350.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Lukanda Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-3 ta' Awwissu, 2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru, 2011

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 28th October 2011 on the application of Combinations Limited, Thursday, 19th January, 2012 from 9:00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. The four apartments situated on the second and third floor named 'Diana Flats, with internal numbers three (3), four (4), five (5) and six (6), valued at €186,350.

The said tenement is the property of Lukanda Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Paul Micallef on 3rd August, 2009.

Registry of the Superior Courts, this 23rd November, 2011

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*